MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2011

Citazzjoni Numru. 690/2011

**John u Anna konjuġi Micallef maħtura bħala kuraturi *ad litem* ta' binthom minuri Rachel Micallef b'digriet tal-5 t'Awissu 2011**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-20 ta' Lulju 2011 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

**A. Dikjarazzjoni tal-fatti**

Illi l-esponenti huma l-ġenituri tal-minuri Rachel Micallef li twieldet nhar l-24 ta' Awissu 1996 (Dok A).

Illi l-Att tat-Twelid tal-minuri Rachel Micallef, bin-numru progressiv tal-iskrizzjoni, tlett elef, ħames mija u sebgħa u sebgħin tas-sena elf, disa' mija u sitta u disgħin (3577/1996) (Dok A), jindika li omm il-minuri Rachel Micallef hija Maria Anna Micallef nee' Pace mart l-imsemmi John Micallef.

Illi isem ir-rikorrent u omm il-minuri Rachel Micallef ġie erronjament indikat fl-imsemmi Att tat-Twelid hawn fuq imsemmi (Dok A) bħala Maria Anna, meta fil-fatt dan kellu jkun biss Anna, u dana kif ben tajjeb jirriżulta mill-Att tat-Twelid tagħha stess bin-numru progressiv tal-iskrizzjoni tmien mija u sitta tas-sena elf, disa' mija u sitta u sittin (806/1966) (Dok B)

**B. Raġuni għat-Talbiet f'dawn il-proċeduri**

Illi r-raġuni li għaliha saret dina l-kawża hija prinċiparjament sabiex tiġi esegwita korrezzjoni fl-Att tat-Twelid tal-minuri Rachel Micallef, bin-numru progressiv tal-iskrizzjoni, tlett elef, ħames mija u sebgħa u sebgħin tas-sena elf, disa' mija u sitta u digħin (3577/1996) (Dok A), fis-sens li isem ommha fl-ewel kolonna taħt isem u kunjom tal-ġenituri, isem ommha jkun indikat bħala Anna u mhux Maria Anna.

**C. Talbiet Attriċi**

Għaldaqstant l-esponenti, in vista ta' dak kollu fuq premess jitolbu li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Fl-ewwel lok tiddikjara li isem omm il-minuri Rachel Micallef, *ossia* isem ir-rikorrenti huwa Anna u mhux Maria Anna kif erronjament indikat fl-Att tat-Twelid bin-numru progressiv tal-iskrizzoni tlett elef, ħames mija u sebgħa u sebgħin tas-sena elf, disa mija u sitta u digħin (3577/1996) (Dok A),

2. Tordna l-korrezzjoni relattiva fl-Att tat-Twelid tal-minuri Rachel Micallef, bin-numru progressiv tal-iskrizzjoni, tlett elef, ħames mija u sebgħa u sebgħin tas-sena elf, disa' mija u sitta u digħin (3577/1996) (Dok A),

billi taħt il-kolonna “Isem u Kunjom” tal-omm, l-isem Maria Anna jkun mħassar u sostitwit bl-isem Anna.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, preżentata fit-23 ta’ Settembru 2011, li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi preliminarjament, qabel is-smigħ tal-kawża, b’ordni tal-Qorti għandu jiġi pubblikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Illi, rigward it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti qiegħed jirrimetti ruħhu għad diskrezzjoni prudenzjali ta’ din l-Onorabbli Qorti salv però li huwa m’għandhux jinżamm responsabbli ta’ din l-inkorrezzjoni fl-att tat-twelid ta’ bint ir-rikorrenti li jġib in-numru ta’ reġistrazzjoni 3577/1996 u dan tenut kont tal-fatt li kien proprju r-rikorrenti John Micallef stess li kien id-dikjarant u ta l-informazzjoni kollha li mbagħad tniżżlet fiċ-ċertifikat tat-twelid ta’ bintu u saħansitra ffirma l-istess att.

Illi għaldaqstant, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku m’għandux jiġi akkollat bl-ispejjeż tal-proċeduri istanti;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tat-18 ta’ Novembru 2011 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi qed jagħmlu din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artiklu 254 saret debitament.

Illi t-talba atturi hija ġustifikata billi l-attriċi dejjem kienet magħrufa bħala **Anna** u mhux kif indikat fiċ-ċertifikati in kwistjoni. Pero' kif sewwa eċċepixxa l-konvenut l-istess atturi kienu iffirmaw l-att oriġinali u għalhekk huwa m'għandux jeħel spejjeż.

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-atturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------